IL-BIRGU

Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt    website : www.birgu.gov.mt


---

**Minuti tal-Laqgha 12(07)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 12 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar, 2016 fil-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar (5:15pm).

It-Tnax (12) il-Laqgha tas-Sebgha Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

- Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 11(7)
- Korrispondenza
- Ir-Referendum tal-Bini tat-Torri tal-Arlogg
- Hatra tal-Bord Ghall-Ghazla ta' Skrivana Full time Skala 15
- Parkegg fil-Pjazza
- It-Turisti fil-Birgu
- Skeda ta' Pagamenti

**Prezenti**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard, Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel, Il-Kunsillier Eman Zerafa Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u taha bidu ghall- Laqgha numru 12(07).

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 11 (7)**

Il-Minuti tal-Hdax (11) Laqgha tas-Sebgha Kunsill li gew iccirkulati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-Laqgha numru 12, gew approvati b'mod unanimu.

# 2. Arising

**2.1 Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar is-Sjra Moira Azzopardi, Ufficcjal Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Birgu**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, ha spunt dwar dan is-suggett li kien gie diskuss fil-laqgha precidenti, fejn informa lill-Kunsill li s-Sjra Azzopardi tat ir-rizenja taghha propju fis-16 ta' Dicembru, 2015, u sussegwentament harget sejha biex jintela' post vakanti ta' Skrivana Skala 15. Fl-20 ta' Jannar, 2016 ser isiru l-intervisti ghal dan il-post lill-hames persuni li interessaw ruhhom ghal din il-pozizzjoni. Informa lill-Kunsill li l-membri tal-Bord tal-Intervista ser ikunu huwa nnifsu, is-Segretarju Ezekuttiv u s-Sur Carmel Tabone.

**2.2 Spunt Dwar il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean' li saret f'Cisterino bejn is-16 u it-18 ta' Novembru, 2015**

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Seg Ezekuttiv infurmat lis-Sindku li l-Vici Sindku ma rcieva l-ebda risposta mill-assocjazzjoni. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Lawrence Attard sabiex jiehu nteress u jinvolvi ruhu halli jara ezatt x'kien qieghed jigri. Il-Kunsillier Attard wiegeb li huwa kien lest li jaghmel dan u kien ser jiddiskutiha mal-Vici Sindku.

**2.3 <u>Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precident dwar il-Progett Let Us Not Forget (LUNF)</u>**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghal-konferenza li ser issir f'Ruma ser jattendu huwa nnifsu, il-Kunsillier Lawrence Attard, s-Sinjuri Lawrence Parascandolo u Etienne Micallef, u s-Sjra Ethel Zammit. Il-Kunsillier Attard informa lill-Kunsill li ghal-laqgha fil-Latvia u Litwanja ser ikunu ser jattendu huwa nnifsu, is-Sindku s-Sur John Boxall, u s-Sinjuri Carmel Camilleri, M'Grace Scicluna u Lorraine Attard.

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera prezenti sabiex jinfurmawh min kien interessat li jitla' Bodrum. Huwa nformhom li l-Ministru tat-Turizimu kien ser ikun ukoll prezenti waqt din il-laqgha. Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, informa lis-Sindku li huwa nteressat li jattendi ghall-laqgha f'Bodrum.

**2.4 <u>Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precedenti dwar Party tal-Milied ghat-Tfal tal-Lokalita' li sar fit-18 ta' Dicembru, 2015</u>**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tpoggi fuq il-mejda r-rendikont tad-dhul u nfieq tal-festin ghat-tfal tal-Milied.

*F'dan il-waqt, is-Sindku talab li jigi skuzat mill-laqgha ghaliex kien qieghed ihossu ma jiflahx u talab lill-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi sabiex jippresedi l-laqgha minfloku.*
*Il-Vici Sindku accetta t-talba tas-Sindku, u kompla biex jippresedi l-laqgha fil-5:30pm.*

Intant, is-Seg. Ezekuttiv poggiet fuq il-mejda r-redikont tal-festin tal-Milied u infurmat lill-membri tal-Kunsill min kienu dawk l-istabbiliti /persuni li taw donazzjoni ghal dan il-festin. Hija tat ukoll spjegazzjoni dettaljata rigward l-ispejjez li nvolva dan il-festin. Fl-ahhar hija nfurmat lill-Kunsill li mid-dhul tad-donazzjonijiet u mill-biljetti mibjugha ghal dan il-festin, il-Kunsill haseb ukoll biex johrog €150 ghall-festin tal-anzjani.

---

Finalment infurmat lill-Kunsill li meta wiehed naqqas l-ispejjez kollha mid-dhulirrizulta li kien baqa' €206.59c.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll lill-Kunsill li l-ispejjez tal-Birgufest 2015 li ammontaw ghas-somma ta' €25,962 kienu kwazi kollha gew imhallsa. Infurmat lill-Kunsill li l-ammont ta' €15,000 mill-iskema kien waslu u li d-donazzjonijiet lahqu ghal €12,835.

**2.5 Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar In-Nominazzjoni tal-Premju Zaghzugh/a tas-Sena 2015 tal-Kerygma**

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, informa lill-Kunsill li n-Nominazzjoni tal-Premju Zaghzugh/a tas-Sena 2015 tal-Kerygma ser issir fit-12 ta' Frar, 2016 fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat.

**2.6 Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar Korrispondenza minghand Gracie Fenech Supervisior (Regjun tal-Port) rigward transport ghall-anzjani**

Il-Vici Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ddiskuta dan is-suggett mal-Kunsill Lokali tal-Isla fejn gie mgharraf li ma kienet ghadha ma ttiehdet l-ebda decizjoni fuq dan is-suggett. Il-Vici Sindku qal li fi zmien qasir ser tinfetah id-Day Centre ghall-Anzjani fil-Birgu u ghalhekk mhux ser ikun hemm bzonn li l-anzjani juzaw dan it-transport. Il-Kunsillier Attard wera li huwa tal-istess fehma. Il-Kunsillier Gellel hu tal-fehma li jekk sakemm jinfetah id-Day Centre fil-Birgu il-Kunsill johrog l-ammont mitlub, dan l-ammont ghandu wkoll jigi mahrug mill-kunsilli l-ohra nvoluti.

**2.7 Spunti mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar Taghrif dwar Fondi - Progetti tal-Unjoni Ewropeja**

Wara d-diskussjoni li saret fuq dan is-suggett fil-laqgha precidenti, fejn is-Seg. Ezek. giet mitluba tigbor informazzjoni minghand is-Sur Michael Cohen rigward il-fond tal-kofinanzjarment tal-kunsilli, is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill

li fuq talba tal-istess Kunsill hi kkomunikat mas-Sur Cohen permezz tal-posta elettronika u talbitu f'isem il-Kunsill informazzjoni dettaljata dwar dan il-fond. Hi nfurmat lill-Kunsilliera prezenti li sakemm kienet qeghda ssir il-laqgha, ma rceviet l-ebda risposta m'ghand is-Sur Cohen.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-ERDF kienet intbaghtet.

Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Vici Sindku u l-membri prezenti li filwaqt li l-iSkema ta' Dizabilita' li kienet giet proposta minnu u li kien hemm qbil unanimu fuqha li l-istess kunsill japplika ghas-Sur Joseph Ellul (Haddiem mal-Kunsill fuq l-iskema tal-ETC) ma kienetx tghodd ghas-Sur Ellul, u nfurmat lill-istess kunsill li anke kieku stess is-Sur Ellul kien eliggibbli, d-data tal-gheluq ta' din l-applikazzjoni kienet ghalqet granet qabel minn meta kienet giet diskussa. Il-Vici Sindku talab lis-Seg. Ezekuttiv sabiex f'kazi meta jkun hemm data ta' gheluq specifikata, wiehed m'ghandux jistenna l-laqgha li jmiss tal-kunsill sabiex tittiehed azzjoni.

Il-Kunsillier Anton Gellel tkellem tigward it-talba minn naha tas-Sindku sabiex hu (Il-Kunsillier Gellel) jiehu r-responsabilita' biex jigbor kwotazzjonijiet ghall-lift li ser jigi nstallat fil-Berga ta' Franza. Huwa qal li dan ma huwiex kaz ta' gbir ta' kwotazzjonijiet izda li tinhareg tender. Zied jghid li wiehed irid jiehu parir professjonali ghall-ispecifikazzjonijiet tal-lift qabel dan it-tender jinhareg.

**2.8 <u>Spunti mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar ATTIVITAJIET GHAL MATUL IS-SENA 2016</u>**

Il-Kunsillier Eman Zerafa staqsa jekk is-Sotto Kumitat tal-Birgufest 2016 iltaqax jew kienx hemm hsieb li jiltaqa'. Ir-risposta kienet fin-negattiv, cioe' li ma ltaqax. Il-Kunsilliera kienu kollha tal-istess fehma u qablu ananimanent li l-ewwel laqgha ta'

dan is-Sotto Kumitat ghandha ssir fl-ewwel gimgha ta' Frar, 2016 u li ghal bidu jibda jiltaqa' almenu darba fix-xahar.

**2.9 <u>Spunti mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar Decizjoni dwar id-Data tar-Referendum tal-Bini tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza</u>**

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, ippropona li jkun ghaqli li fuq dan is-suggett ma tittiehed l-ebda decizjoni jekk ma jkunx hemm prezenti fil-laqgha l-membri kollha tal-kunsill. Il-bqija tal-membri tal-Kunsill qablu unanimament mal-proposta tal-Vici Sindku. Minghajr ma ttiehdet l-ebda decizjoni, gie diskuss l-aktar pass ghaqli li ghandu jittiehed fuq din il-kwestjoni. Il-Kunsillier Attard qal li hu tal-fehma li l-ewwel pass ghandu jkun li l-Kunsill javvicina l-MEPA sabiex wiehed ikun aktar fic-cert li mhux ser ikun hemm intoppi. Il-Kunsillier Gellel sahaq ukoll li wiehed ghandu javvicina l-Gvern Centrali, specjalment il-Ministeru tat-Transport.

**2.10 <u>Spunt mehud minn Korrispondenza li nqrat fil-laqgha precidenti bejn id-DLG u l-Kunsill rigward installazzjoni ta' zewg Wifi Access Points ohra fil-Birgu</u>**

Il-Vici Sindku talab lis-Seg. Ezekuttiv jekk kienx hemm xi risposta rigward iz-zewg Wifi access points li l-Kunsill gharraf lid-DLG li jixtieq li jkunu installati f' Belveder fi Triq La Vallette u fid-Day Centre tal-Anzjani fil-Berga tal-Ingilterra. Is-Seg. Ezekuttiv wiegbet li sa kemm kienet qeghda ssir il-laqgha ma kellha l-ebda risposta minn naha tad-DLG.

**2.11 <u>Spunt mehud minn Korrispondenza li nqrat fil-laqgha precidenti rigward Stedina minn Transport Malta lill-Kunsill ghal-Laqgha li Saret dwar rir-Rotot Godda</u>** Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, informa lill-Kunsill li huwa attenda ghal din il-laqgha u nforma lill-Kunsill li TM ser ikunu qed jitkellmu ma' kull kunsill u informa wkoll lill-Kunsill li Rotta Nr. 4 ser tigi rrangata fi zmien qasir.

---

Intant, regghat giet diskussa il-problema tal-parkegg gewwa l-pjazza tal-Birgu li fil-laqgha precidenti kien gie deciz b'mod unanimu li ghandu jsir parkegg temporanju fil-pjazza.-Vici Sindku u l-Kunsilliera kollha prezenti qablu b'mod unanimu li dan il-parkegg ghandu jsir mill-aktar fiss possibbli ghaliex hemm riskju kbir li jsiru incidenti serji.

**2.12 <u>Spunt minn Posta elettronika minghand Arthur Perici (LUNF Project) li giet diskussa fil-laqgha precidenti</u>**

Dan is-suggett diga' gie diskuss u mminutat aktar il fuq f'dawn il-minuti.

**2.13 <u>Spunt minn korrispondenza li giet moqrija fil-laqgha precidenti rigward laqgha mitluba mill-Onor Stefan Buontempo mas-Sindku u mas-Seg. Ezekuttiv</u>** - Is-Seg. Ezekuttiv informat lill-Kunsill li fid-data ta' meta saret il-laqgha hija ma setatx tattendi.

## 3. <u>Korrispondenza</u>

**3.1 Posta elettronika minghand Moira Azzopardi (EO) fejn issottomettiet ir-rizenja taghha b'effett mill-Erbgha 16 ta' Dicembru, 2015 -** Il-Vici Sindku qara l-ittra ta' rizenja li ntbaghtet lis-Seg. Ezekuttiv mis-Sjr. Moira Azzopardi.

**3.2 Posta elettronika minghand ARC Studio fejn baghtu kopji emendati tal-pjanti tas-sular ta' fuq u tat-toilet tal-Berga tal-Ingilterra –** Is-Seg. Ezekuttiv poggiet fuq il-mejda dawn id-dokumenti sabiex ikun possibbli li l-Kunsilliera kollha prezenti jarawhom.

**3.3 Kopja tal-Formularju li gie sottomess mlil-Kunsill sabiex ikun jista' jippartecipa fil-progetti ERDF –** Dan is-suggett gie diskuss aktar il-fuq f'dawn il-minuti.

**3.4 Kopja tal-Committment Form mibghuta lid-Dipartiment sabiex il-Kunsill jippartecipa u jigi akkreditat bil-label 'The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence' (EloGE)**

**3.5 Korrispondenza minghand is-Sur Norman Cilia La Corte fejn qieghed jipprezenta approvazzjoni bil-miktub mir-residenti li jghixu fil-vicinanza tad-dawra tas-Sur tal-Posta ta' Kastilja, cioe' fejnhuwa wera x-xewqa lill-Kunsill li jixtieq jinstalla cafeteria . Is-Sur Cilia La Corte kien gie mitlub mill-Kunsill sabiex jitlob l-approvazzjoni bil-miktub li dawk ir-residenti kollha kkoncernati –** Fiwaqt li l-Kunsill irrikonoxxa l-korrispondenza tas-Sur Cilia la Corte, gie deciz b'mod unanimu li s-Sur Cilia la Corte ghandu jigi nfurmat li ghandu jipproduci pjanta kif ukoll japplika ghall-permess mehtieg minghand il-MEPA.

**3.6 Korrispondenza mill-Kunsill lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jitolbu jipprocedi biex jappella ghas-sentenza li nqatghat kontra l-istess Kunsill u a' favur kumpanija tal-assigurazzjoni meta kienet waqghet bicca minn sigra fuq karozza u sarulha xi hsarat.**

**3.7 Posta elettronika mid-DLG fejn il-Kunsill gie nfurmat bl-allokazzjoni ghas-Sena 2016 –** Is-Seg. Ezekuttiv informat lill-Kunsill li ghas-sena 2016, l-allokazzjoni zdiedet b'€8219.

**3.8 Posta elettronika mill-Awtorita' tad-Djar fejn il-Kunsill gie mgharraf bid-data (16 ta' Jannar, 2016) ta' meta ser jigi ffirmat il-ftehim tal-programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern -** Is-Seg. Ezekuttiv

infurmat lill-Kunsill li filfatt il-ftehim imsemmi gie ffirmat fil-15 ta' Jannar, 2016.

**3.9 Stedina minghand il-President tal-Fundazzjoni Romualdo Del Bianco sabiex is-Sindku nnifsu jew rappezentant f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu jattendi l' 18th Assembly of the International Experts of the Foundation' li ser ssir bejn it-12 u t-13 ta' Marzu, 2016 gewwa Firenze, l-Italja**.

**3.10 Korrispondenza elettronika mis-Sindku, f'isem il-Kunsill, lis-Sur Osvaldo Pace fejn qieghed jitolbu taghrif rigward il-Progett ghaz-zona Glaziz u li fuqu kien gie ffirmat MoU mal-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta' Malta –** Is-Seg. Esekuttiv infurmat lill-Kunsill li sakemm kienet qeghda ssir il-laqgha, il-Kunsill ma rcieva l-ebda risposta.

**3.11 Korrispondenza mibghuta lis-Segretarju Parlamentari l-Onor S Buontempo mis-Sindku f'isem il-Kunsill** fejn is-Seg. Parlamentari Buontempo gie moghti informazzjoni tax-xogholijiet li ghad fadal xi jsiru fil-Berga ta' Franza u f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu, is-Sindku talab ghajnuna finanzjarja. Minn naha tieghu, is-Seg. Parlamentari Buontempo wiegeb li huwa kien ser jaghmel mill-ahjar sabiex jilqa' t-talba tal-Kunsill.

**3.12 Korrispondenza mibghuta lis-Segretarju Parlamentari Chris Fearne –** fejn f'isem il-Kunsill, is-Sindku qieghed jitlob l-ghajnuna tas-Segretarjat tas-Sahha sabiex l-ghamara taz-zewgt ikmamar fil-Berga tal-Ingilterra li jintuzaw bhala berga tas-sahha jinbidlu u jigu modernizzati. Dan fid-dawl tal-progett ta' rinovar li qieghed isir fl-istess binja u li sa ftit tax-xhur ohra ser tkun isservi bhala Day Centre ghall-Anzjani.

**3.13 Rendikont tad-Dhul u Nfieq tal-Birgufest 2015.** – Din l-informazzjoni giet moghtija mis-Seg. Ezekuttiv lill-Kunsill aktar kmieni f'din il-laqgha u hija mminutata aktar il fuq f'dawn il-minuti.

**3.14 Korrispondenza ffirmata mis-Sjra Anna Pisani** fejn f'isem l-anzjani fi hdan il-Caritas Helpage, qeghda tirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillier Attard ghas-somma ta' €150 (ghax-xiri tar-rigali) u ta' kull ghajnuna li naghtat u ghall-festin tal-Milied tal-Anzjani.

**3.15 Kopa ta' Korrispondenza elettronika li ntbaghtet mill-Kunsill lis-Sur Michael Cohen,** fejn is-Seg. Ezekuttiv talbet lis-Sur Cohen biex jghaddi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-fond ta' parti tal-ko-finanzjarment tal-kunsilli.

Dan is-suggett gie diskuss aktar kmieni f'din il-laqgha u hu mminutat aktar il fuq f'dawn il-minuti.

**3.16 Korrispondenza minghand Socjeta' Storika Kulturali Vittoriosa**– qeghdin jitolbu lill-Kunsll sabiex b'kollaborazzjoni ma' Transport Malta, jittiehdu passi sabiex issir tabella NO PARKING biswit il-Bus Stop tar-Rotta no. 4 fil-pjazza, kif ukoll tabella ta' NO PARKING madwar iz-zewg monumenti tal-Vitorja u ta' San Lawrenz. Din is-socjeta' wriet ukoll l-approvazzjoni u x-xewqa taghha li jerga' jinbena mill-gdid it-Torri tal-Arlogg.

Dan is-suggett ser jigi diskuss aktar il quddiem f'din il-laqgha ghaliex huwa parti mill-agenda

**3.17 Korrispondenza minghand is-Sur Noel Micallef** fejn qieghed jitlob sabiex fl-attivita' li jmiss tal-Birgufest 2016 jinghata permess

sabiex jarma bl-ikel fi Triq il-Foss (fuq is-sur), maghruf bhala s-Suq tal-Hut, il-parti t' isfel. Fl-ittra tieghu, is-Sur Micallef ddikjara li kien lest li jaghti donazzjoni u li josserva r-regolamenti kollha mposta mill-Kunsill.

Il-Vici Sindku ha spunt minn dan is-suggett u ppropona li ssir pjanta fejn ser jintremghu l-istalls, kemm dawk tal-pjazza kif ukoll dawk li jintremghu fit-toroq biswit. Dan sabiex kulmin jippartecipa ikun jaf ezatt il-post tieghu. Il-proposta tal-Vici Sindku gie approvata b'mod unanimu.

**3.18 Korrispondenza elettronika minghand Noel Castillo** fejn qieghed jinforma lill-Kunsill li huwa diga beda l-preparamenti sabiex jingiebu gruppi internazzjonali ghall-attivitajiet tal-Milied 2016. Hu nforma lill-Kunsill li l-Fesitival tal-milied gewwa l-Birgu ser isir fit-30 ta' Dicembru, 2016.

**3.19 Korrispondenza elettronika mghoddija mill-Vici Sindku fejn qieghed jghaddi korrispondenza li tinkludi stedina sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb fil-programm Youth Exchange Cornedo Vincentino -** Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera prezenti li n-notika ta' wirja ta' interess intbaghtet.

**3.20 Kopja ta' Fattura ta' Xiri ta' 4 Siggijiet li ser jintuzaw fl-Ufficcji Amministrattivital- Kunsill Lokali tal-Birgu –** Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera prezenti li dawn is-siggijiet ser jintuzaw tnejn fil-front office, wiehed fl-ufficcju tal-iskrivani u l-iehor fl-ufficcju tas-Seg. Ezekuttiv.

**3.21 Talba minghand Dr Graziella Attard sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghti NO OBJECTION ta' Boutique Hotel li hemm ippjant li ssir minflok il-Palazz tal-Arcisqof, 27, Triq il-Palazz tal-Isqof, Birgu –** Wara li saret diskussjoni fuq dan is-suggett, bi qbil unanimu, il-Kunsill laqa' it-talba ta' Dr Graziella Attard.

**3.22 Notifika mill-EneMalta rigward il-proceduri godda marbutin mat-twahhil ta' bozoz godda mill-Kunsilli**

**Lokali –** Wara diskussjoni fuq dan is-suggett, intlahaq qbil li l-kuntrattur Chris Reed ghandu jigi nfurmat b'dawn il-proceduri godda

**3.23 Notifika mill-AKL dwar it-tigdid tal-Group Health Policy ghall-membri tal-Kunsilli u l-imjegati.**

## 4. Hatra tal-Bord Ghall-Ghazla ta' Skrivana Full time Skala 15

Dan is-suggett gie diskuss aktar il fuq f'dawn il-minuti.

## 5. Parkegg fil-Pjazza

Filwaqt li dan is-suggett gie diskuss aktar kmieni f'din il-laqgha u huwa mminutat aktar il fuq, il-membri kollha prezenti urew ix-xewqa sabiex dan isir mill-aktar fiss possibbli. Il-Vici Sindku ppropona li meta x-xoghlijiet fi Triq il-Kardinal Sciberras jitlestu, il-Karozza tal-Linja Nru. 4 ghandha tieqaf tistenna fil-bidu ta' Triq Desain. Giet diskussa wkoll twahhil ta' tabella fil-pjazza ta' '9 Temporary Parking'. Wara li saret diskussjoni, il-proposti msemmija hawn fuq gew approvati b'mod unanimu.

## 6. It-Turisti fil-Birgu

Il-Kunsillier Gellel fetah din id-diskussjoni fejn gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ghal kuntrarju li jsir fl-Imdina u l-Belt Valletta, it-turisti li jzuru l-Birgu ma jinghatawx hin liberu sabiex ikunu jistghu jieqfu jieklu xi haga fl-istabbilimenti tal-lokal, u dan qieghed ikun ta'detriment ghan-negozji tal-Birgu. Il-Kunsillier Gellel ippropona li tintbaghat korrispondenza lill-Malta Tourism Authority sabiex din is-sitwazzjoni tigi rrangatha. Wara diskussjoni, il-Kunsill tal-Birgu qabel b'mod unanimu li l-MTA ghandha tigi mgharrfa bis-sitwazzjoni u tintalab ghajnuna sabiex din il-problema tigi solvuta.

Il-Kunsillier Attard ha spunt minn din id-diskussjoni fejn irrefera ghal parking tal-coaches tat-turisti ix-Xatt tal-Birgu, sabiex dan ikun regolarizzat ghaliex kulhadd qieghed jipparkja kif ifettillu. Il-Kunsillier Gellel, filwaqt li qabel mal-Kunsillier Attard, ippropona li jitwahhlu tabelli tal-'Loading/Unloading' ghall-coaches li jnizzlu t-turisti x-Xatt. Huwa kompla jghid li l-coaches ghandhom jitilqu minn fuq il-post hekk kif jitnizzlu t-turisti u jergghu lura biss meta jkun il-hin li jghabbu t-turisti.
Wara diskussjoni, il-Kunsill tal-Birgu qabel b'mod unanimu fuq dawn il-proposti.

Intant il-Kunsillier Eman Zerafa tkellem fuq il-gbir ta' skart fejn qal li hemm diversi nuqqasijiet li wiehed ghandu jindirizza mal-kuntrattur u li l-hinijiet tal-gbir tal-iskart ghandhom jigu regolarizzati.

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, tkellem fuq it-telqa kbira li hemm fl-akwata tar-Ristorante Etienne's. B'mod unanimu gie deciz li jsir komunikat mas-Sur Tonio Hili tal-Grand Harbour Marina.
Il-Vici Sindku ppropona wkoll li jizdiedu aktar *dustbins* madwar il-Birgu, specifikament tlieta fil-pjazza (bl-ashtrays), wiehed quddiem il-Monument u wiehed fejn Couvre Porte.

Il-Vici Sindku talab lis-Seg. Ezekuttiv sabiex tigbor il-kwotazzjonijiet mehtiega.

Il-Kunsillier Gellel ikkummenta dwar id-diversi hofor li hemm gewwa Pjazza San Filippu u ghad li saru xi xoghlijiet ghad fadal hafna xi jsir specjalment wara l-maltemp. Issemmghu ukoll diversi toroq fosthom Triq il-Kwartier, Triq it-Torri ta' San Gwann u Triq Hilda Tabone li ghandhom bzonn attenzjoni ghaliex l-art giet tizloq hafna u hemm cans li jkun hemm xi incident ikrah.

Gew diskussi wkoll  strixxa b'erbgha fanali li gew skonnetjati fuq il-*bridge*, fanal li ma jixghelx fi Triq il-Vittmi tal-Polverista u bank li jinhtieg manetunzjoni (ghandu strixxa nieqsa) fejn Café Riche.

## 7.  Skeda ta' Pagamenti

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, HSBC 9516- 9541, BOV 2774-2829 u BANIF 489623 - 489630.  Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 16 ta' Dicembru, 2015 – 19 ta' Jannar, 2016.

***Il-Laqgha 12(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fis-7:10pm (sebgha u ghaxar minuti ta' filghaxija).***

| | | |
|---|---|---|
| Tania Belfiore | John Boxall | Trevor Mizzi |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku | Vici Sindku |

*Approvati llum ..................................................*